# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# (ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## IMĦALLEF
## ONOR. ROBERT G. MANGION

**SEDUTA TAL-31 TA' JANNAR, 2023**

**Nru. fuq il-Lista tal-Kawzi: 3K**

**Referenza Kostituzzjonali nru. 96/2022**

**Referenza Kostituzzjonali magħmula mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**bhala Qorti Istruttorja**

**fl-atti tal-kawża fl-ismijiet:-**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Patrick Pace**

**Il-Qorti:**

1. Fis-17 ta' Novembru 2021 saret referenza kostituzzjonali mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja [**il-Qorti Referenti jew il-Qorti Istruttorja**] li permezz tagħha din il-Qorti qed tintalab tistħarreġ il-kwestjoni kostituzzjonali mqajma mill-intimat Patrick Pace b'rikors tal-4 ta' Novembru 2021.

2. B'rikors tal-4 ta' Novembru 2021, Patrick Pace ippreżenta rikors quddiem il-Qorti Istruttorja fejn ippremetta li t-talba tal-Avukat Ġenerali fir-rinviju sabiex jixhed Roderick Borg qed toħloq dewmien esaġerat bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem [**il-Konvenzjoni**] kif riflessa fil-Kostituzzjoni ta' Malta. Huwa spjega li skont it-teżi tal-Pulizija, Roderick Borg huwa awtur / kompliċi ta' Patrick Pace u li l-każ tiegħu għadu *sub judice* u għalhekk huwa inammissibli bħala xhud. In vista ta' dawn l-osservazzjonijiet talab lill-Qorti Istruttorja sabiex jiġi deċiż li huwa qiegħed isofri leżjoni ta' dritt kostituzzjonali stante li dewmien esaġerat ikkawżat mill-Prosekuzzjoni mhux qiegħed jingħata *fair trial* skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

3. Wara li rat l-atti proċesswali inkluż ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fid-9 ta' Novembru 2021, il-Qorti Istruttorja b'digriet tas-17 ta' Novembru 2021 iddikjarat li l-kwistjoni mqajma mhiex ta' natura frivola u vessatorja u għaddiet sabiex tagħmel ir-referenza kostituzzjonali u talbet lil din il-Qorti

> "tiddetermina jekk il-fatt illi l-proċeduri odjerni qed jitwalu, minħabba li x-xhud Roderick Borg ma jistax jiġi nġunt bħala xhud tal-Prosekuzzjoni stante proċeduri penali pendenti fil-konfront tiegħu, u konsegwentement l-Avukat Ġenerali ma jistax joħroġ l-Att t'Akkuża jew jibgħat lill-imputat biex jiġi ġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti

ta' Ġudikatura Kriminali ai termini ta' l-Artikolu 370 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod li l-proċeduri odjerni ma jistgħux jitkomplew, jilledix id-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq a tenur tal-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 (1) u 6 (3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem"

4. Għal din ir-referenza l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali bir-risposta tagħhom tat-30 ta' Ġunju 2022 eċċepixxew li sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ ta' kawża eċċediex il-parametri fi żmein raġjonevoli, il-Qorti għandha tieħu kont tal-komplessità tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir tal-awtorità ġudizzjarja. Ġie eċċepiet ukoll li m'hemm l-ebda limitu ta' żmien li l-Qorti għandha tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha. L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat jeċċepixxu li apparti li jiġi ppruvat illi l-każ dam, għandu jiġi ppruvat ukoll li d-dewmien huwa wieħed kapriċċuz u li jiżvantaġġah fid-dritt tiegħu. Fil-fehma tagħhom l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat għalkemm il-każ qed jieħu numru ta' snin, id-dewmien ma kienx irraġjonevoli. Jinsistu li x-xhieda ta' Roderick Borg hija meħtieġa u stante li hemm proċeduri pendenti kontra l-imsemmi Borg f'dan l-istadju ma jistax jagħti x-xhieda tiegħu.

5. Semgħat it-testimonjanza tal-Ispettur Rennie Stivala fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2022.

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-Avukat tal-Istat u tal-Avukat Ġenerali tat-3 ta' Ottubru, 2022 u n-nota ta' sottomissjonijiet ta' Patrick Pace tat-22 ta' Novembru, 2022.

7. Semgħat it-trattazzjoni finali tal-abbli avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-24 ta' Novembru, 2022.

8. Rat l-atti kollha inkluż dawk allegati.

9. Rat li r-referenza kostituzzjonali tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Fatti.**

10. Mill-atti tal-kumpilazzjoni bin-numru 906/2015 (allegati mal-atti odjerni), mir-rikors għal referenza kostituzzjonali u minn dak li qiegħed jintalab mill-Qorti Referenti jirriżulta lil din il-Qorti illi l-fatti pertinenti li għandhom jitqiesu fid-dawl tal-lanjanzi kostituzzjonali huma s-segwenti:-

    a. Patrick Pace fis-17 ta' Novembru 2015 tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja akkużat tali fix-xahar t'Awwissu 2015, flimkien ma' oħrjan, irrenda lilu nnifsu kompliċi ta' serq ta' sigaretti mill-*Freeport* u delitti oħrajn fosthom frodi;
    b. Qabel ma tressaq Patrick Pace quddiem il-Qorti Istruttorja, tħejjiet inkjesta u fil-*proces-verbal* redatt mill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Gabriella Vella datat 22 t'Ottubru 2015, saret referenza għal nota ppreżentata fl-14 ta' Settembru 2015 mill-Kummissarju tal-Pulizija[1] fejn għarraf lill-istess Maġistrat li l-Pulizija irnexxilha issolvi l-każ u li kienet ser tressaq għadd ta' persuni fosthom lil Roderick Borg li kien *reach stacker* fil-Freeport Terminal[2];
    c. Nonostante li fir-rinviji kollha mill-bidu nett tal-proċeduri kriminali ingħad li l-Qorti għandha "tisma kull prova oħra li ġġib il-pulizija", l-ewwel darba li ssemma l-isem ta' Roderick Borg fir-rinviji kien prorpju fid-29 t'April 2021 meta ġiet mitluba "Tisma lil Roderick Borg li kien jaħdem il-Freeport Terminal dwar l-involviment tiegħu fil-każ"[3];
    d. Waqt is-seduta tal-24 ta' Settembru 2021 "Dr. Edward Gatt ghad-difiza jirrileva illi x-xhud Roderick Borg huwa inammissibbli ghaliex huwa ko-

[1] Kopja tan-nota Fol 288 tal-proċess kriminali.
[2] Kopja tal-proces-verbal fol 278 et seq tal-proċess kriminali.
[3] Fol 833 tal-proċess kriminali.

awtur/kompliċi allegatament. Illi l-Avukat Ġenerali għandu għalhekk joħroġ l-Artikoli u jiddikjara illi ma għandux izjed provi xi jressaq sabiex ma jkomplix jikkawża leżjoni tad-dritt lill-imputat minħabba dewmien esaġerat dovut biss lill-Avukat Ġenerali." Min-naħa tagħha l-prosekuzzjoni irrilevat illi hija "sejra tistenna għax-xhud Roderick Borg stante li huwa xhud ewlieni. Jirrileva oltre li l-kawza fil-konfront ta' Borg waslet fi stadju ta' għeluq provi difiża."

**Xhieda**

11. L-**Ispettur Rennie Stivala** kien l-unika xhud fil-kawża odjerna fejn ta rendikont ta' kif waslu għall-arrest ta' Patrick Pace. Huwa spjega li kien fuq "il-verżjoni li ta Roderick Borg li kien wieħed" minn ebrgħa li ġew arrestati b'reat ta' serq ta' *container* mimli sigaretti mill-Freeport Terminal li bdew jinvestigaw lil Patrick Pace. Jippreċiża li Roderick Borg tressaq quddiem il-Qorti flimkien ma' ieħor f'Settembru 2015. Jgħid li huwa għalhekk ovvja l-ħtieġa tax-xhieda ta' Borg fil-proċeduri kontra Pace. Jgħid ukoll li l-erbgħa li ġew arrestati kienu tressqu tnejn u tnejn, ix-xhud pero' ma jiftakarx min kien ma' min, pero jgħid li jaf li l-proċeduri kienu ġew assenjati lill-istess Maġistrat u kienu qed jimxu flimkien. Filwaqt li każ minnhom ingħalaq il-ġbir tal-provi u ġiet ukoll ippreżentata nota ta' sottomissjonijiet, il-każ ta' Borg waqaf stante li kien għamel referenza kostituzzjonali rigwardanti l-istqarrija minnu rilaxxata. Fuq mistoqsija tal-Qorti, l-Ispettur ikkonferma li il-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fil-każ kontra Roderick Borg u ilha li għalqiethom. Meta x-xhud ġie mistoqsi jekk meta intalbet ir-referenza kostituzzjonali, il-prosekuzzjoni kinitx għalqet il-provi tagħha salv dik ta' Roderick Borg, l-Ispettur spjega hekk "salv li joħroġ bżonn ta' xhud ieħor mix-xhieda ta' Roderick Borg, għaliex hija possibbli ħafna, le bħalissa f'moħħi jew f'moħħ l-Avukat Ġenerali ma jidhirx li hemm xhieda oħra ħalli nkun ġust."[4]

[4] *a tergo* ta' Fol 22 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

12. Din hija referenza kostituzzjonali msejsa fuq l-**Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Artikolu 4(3) tal-Kapitolu 319** fejn fihom jingħad li jekk tqum kwistjoni dwar wieħed mill-jeddijiet hemm imsemmija (u ċioe (i) fl-**Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni**; (ii) fl-**Artikoli 2 sa 18 tal-Konvenzjoni; (iii) fl-**A**rtikoli 1 sa 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni**; (iv) fl-**Artikoli 1 sa 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni**; (v) fl-**Artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll tal-Konvenzjoni**; u (vi) fl-**Artikoli 1 sa 5 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni**) quddiem qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil ta' dik il-kwistjoni ma tkunx waħda sempliċement frivola jew vessatorja. Bil-kelma '*frivola*' wieħed jifhem li t-talba għar-referenza kostituzzjonali tkun żejda, bla ħtieġa, fiergħa jew vojta; filwaqt li bil-kelma '*vessatorja*' wieħed jifhem li t-talba għar-referenza kostituzzjonali tkun saret biex iddejjaq jew tinki lil dak li jkun.

13. Ir-referenza odjerna tirreferri għall-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni.

14. **Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni** jaqra hekk: "(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi." Għaldaqstant skont dan l-artikolu, il-jedd ta' smigħ xieraq f'proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qiegħda tinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi u (ċ) liema smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli.

15. Min-naħa l-oħra l-**Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni** hu aktar usa. Dan l-artiklu jiddisponi hekk:

> "(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."

16. Apparti l-ewwel sub-artikolu tal-Artikolu 6, il-Qorti Referenti ssemmi wkoll it-tielet sub-artikolu tal-istess artikolu.

17. Il-Qorti għalhekk sejra tqis l-ewwel sub-artikolu tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni sukwotati. Wieħed mill-elementi ewlenin li jissemma fiż-żewġ artikoli u li jeħtieġ jiġi analizzat meta jkun hemm proċeduri li jkunu qegħdin jikkontestaw id-dewmien ta' proċeduri hija jekk dak id-dewmien kienx wieħed raġonevoli. Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) kellha diversi okkażjonijiet tiddetermina x'għandu jiġi kkunsidrat bħala 'dewmien raġonevoli'. Fil-każ **Buchholz v. Germany** (Appl. Nru. 7759/77) deċiża fis-6 ta' Mejju 1981, l-imsemmija Qorti rriteniet li

> "49. *The reasonableness of the length of proceedings [...] must be assessed in each case according to the particular circumstances. In respect of criminal matters, the Court has, for this purpose, had regard,*

*inter alia, to the <u>complexity</u> of the case, and to the <u>conduct</u> of both the applicant and the competent authorities...";*

"70. *[...] the importance of what was at stake for the applicants in the litigation*" kienet ukoll miżjuda mill-QEDB fil-kawża **Gast & Popp v. Gemany** (Appl. Nru. 29357/95) deċiża fil-25 ta' Frar 2000[5].

18. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja ukoll irriteniet li

"*that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long (see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 182 and the case-law cited).*"[6]

19. L-awturi **Harris, O'Boyle and Warbrick** fil-ktieb ***Law of the European Convention on Human Rights*** (r-raba' edizzjoni (2018)) jispjegaw li:

*The reasonableness of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the particular circumstances of the case [Konig v Germany A 27 (1978); 2 EHRR 170 PC and Pedersen and Baadsgaard v Denmark 2004-XI; 42 EHRR 486 GC]. There is no absolute time limit. Factors that are always considered are the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the competent administrative and judicial authorities [Konig v Germany; ibid]. The Court also takes into account what is 'at stake' for*

[5] Ara wkoll **Gordeyev v. Russia** (Appl nru. 40618/04) deċiża mill-QEDB fil-5 ta' Frar 2015.

[6] C-50/12P, **Kendrion NV v. European Commission** deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja fis-26 ta' Novembru 2013, para 96-97

*the applicant [Frydlender v France 2000-VII; 31 EHRR 1152 GC, what is 'at stake' is sometimes treated as a separate fourth factor: see, eg. Surmeli v Germany 2006-VII; 44 EHRR 438 GC].*[7]

20. Tal-istess fehma huwa **William A. Schabas** fil-ktieb ***The European Convention on Human Rights: A Commentary*** (l-Ewwel edizzjoni (2017)):

*"The rationale for the [reasonable time] principle, in criminal proceedings, 'is based on the need to ensure that accused persons do not have to remain too long in a state of uncertainty as to the outcome of the criminal accusations against them' [**Kart v Turkey** [GC] no 8917/05 para 68 ECHR 2009]. Furthermore, 'the vicissitudes of criminal proceedings that remain pending for too long generally also harm the reputation of the alleged offender' [ibid, p 70]."*[8]

21. Dak li għandu jinsilet mill-ġurisrudenza hawn fuq kwotata hija li t-test ta' dewmien raġonevoli ma jidentifikax żmien speċifiku li fihom il-proċeduri kriminali għandhom jiġu konklużi, wisq anqas m'hemm ċirkostanza waħda partikolari li tiddetermina x'inhu raġonevoli. Iċ-ċirkostanzi kollha għandhom jittieħdu flimkien sabiex jiġi determinat jekk id-dewmien fil-proċeduri kinux raġonevoli o meno.[9] Fis-sentenza **Anton Camilleri vs. Avukat Generali** (Rik. Kost. nru. 71/2010) mogħtija mill-**Qorti Kostituzzjonali** fl-1 ta' Frar 2016 ikkunsidrat illi:

"Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', l-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita` li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna

[7] Paġni 440 - 441 tal-ktieb.
[8] Paġna 291 tal-ktieb.
[9] Ara **Francis Said vs. L-Avukat Ġenerali** (Rik Kost 30/2007) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Frar 2010.

allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika. Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu."[10]

22. Il-qies tad-dewmien fit-tmexxija ta' proċedura quddiem Qorti għall-finijiet ta' lment ta' ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli għall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, jitkejjel fuq erba' konsiderazzjonijiet – (i) il-komplessità tal-każ, (ii) l-imġiba ta' min ikun qiegħed iressaq l-ilment, (iii) is-sehem tal-awtoritajiet konċernati fid-dewmien, u (iv) is-siwi ta' dak li l-parti għandha x'titlef u tirbaħ mill-każ tagħha quddiem il-Qrati.[11]

23. Dwar x'għandha parti x'titlef u tirbaħ mill-każ tagħha, l-qrati jiddistingwu bejn proċeduri ċivili u proċeduri kriminali. Ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **David Marinelli vs. Avukat Generali et** mogħtija mill-**Qorti Kostituzzjonali** fid-29 ta' Mejju 2009 li:

"Din il-Qorti tifhem illi ghar-rigward tar-ragonevolezza tad-dewmien ghandha ssir distinzjoni bejn process kriminali u dak civili, ghax fejn il-liberta` jew il-gieh tal-persuna jkunu in issue, hu importanti li l-kwistjoni ma titwalx aktar milli hu necessarju, u filwaqt li fil-process civili, wiehed jista` jaccetta certu dewmien, dan m'ghandux ikun permess meta hemm imdendla kontra persuna akkuza ta' natura kriminali. Ovvjament, kollox hu relattiv u kollox ghandu jitqies fil-kuntest tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jistghu jwasslu ghar-ragonevolezza taz-zmien li ttiehed biex jigi determinat il-kaz in kwistjoni."

---

[10] Ara wkoll **Omar Osman Omar et vs. Avukat Generali** (Rik Kost 29/2013) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Frar 2015.

[11] Ara **Sydney Ellul Sullivan vs Kummissarju tal-Pulizija et** (Rik Kost 26/2004) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Jannar 2013.

24. Iż-żmien raġonevoli fi proċeduri kriminali huwa ġeneralment imkejjel mill-mument li l-persuna hija infurmata li hemm akkuża kriminali kontra tagħha, għaliex dan huwa l-mument li l-persuna għandha l-aspettativa leġittima li l-akkuża kriminali tiġi determinata u konkluża fi żmien raġonevoli.[12] Dan iż-żmien huwa imbagħad imkejjel sal-mument ("*dies ad quem*") li dik l-inċertezza kkawżata mill-proċeduri pendenti tkun ġiet konkluża u ċioe meta jkun hemm id-deċiżjoni finali jew it-terminu sabiex isir appell ikun għadda.[13]

25. Azzjoni ta' allegat leżjoni ta' drittijiet fundamentali tista' titressaq anke meta l-proċeduri jkunu għadhom pendenti u dan fit-termini tal-Artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi illi azzjonijiet ta' din ix-xorta jistgħu jiġu intavolati meta "tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura" waħda mid-disposizzjonijiet imsemmija aktar 'l fuq tal-Kostituzzjoni.

26. Fil-każ de quo r-rikorrent jikkontendi li d-dewmien sabiex il-prosekuzzjoni tiddikjara l-provi tagħha magħluqa, minħabba li ddikjarat li trid tressaq bħala xhud lil Roderick Borg u fl-istess ħin ix-xhieda ta' Roderick Borg hija inammissibbli f'dan l-istadju, qiegħed iwassal għal dewmien mingħajr bżonn fil-proċeduri kriminali pendenti kontrih b'mod illi qiegħed jiġi leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli a tenur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

27. Tajjeb jiġi hawn puntwalizzat illi t-termini tar-referenza jirreferu limitatament għar-rigward tad-dewmien sabiex il-Prosekuzzjoni tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja it-testimonjanza tax-xhud Roderick Borg, persuna akkużata b'reat konness intrisikament mal-każ ta' Pace, u mhux it-tul li qiegħda tieħu l-kumpilazzjoni tax-xhieda fl-intier tagħha. Dan magħdud pero' l-Qorti tagħmel referenza

[12] **Dobbertin v. France** (Appl. Nru. 13089/87) deċiża mill-QEDB fil-25 ta' Frar 1993, §38.
[13] **Angelucci v. Italja** (Appl. Nru. 12666/87) deċiża mill-QEDB fid-19 ta' Frar 1991, § 15.

għal dak miżmum mill-**Qorti Kostituzzjonali** fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Silvio Zammit** mogħtija fit-13 ta' Lulju 2018 fejn ingħad li:

> "18. [...] huwa korrett l-appellant [l-Avukat Ġenerali] fl-ewwel aspett tat-tieni aggravju tieghu, fejn sahaq li l-istharrig tal-ezistenza tal-ksur o meno tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli ghar-raguni specifikata fir-referenza, jirrikjedi stharrig li mhux limitat ghad-dewmien arrekat mill-episodju mertu tar-referenza, cioe` id-dewmien biex titressaq ix-xhud Inge Delfosse, izda stharrig tac-cirkostanzi kollha tal-process tal-kumpilazzjoni tax-xhieda. Din il-Qorti zzid tghid li l-evalwazzjoni tal-effett kumulattiv tad-dewmien generali fil-proceduri quddiem il-Qorti riferenti huwa ezercizzju necessarjament preordinat ghad-determinazzjoni tal-kwezit mertu tar-referenza odjerna, cioe` jekk id-dewmien biex titressaq l-ahhar xhud li qed tirrifjuta li tixhed, jilledix id-dritt tar-rikorrent sancit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.
>
> 19. Huwa manifest li fil-qafas ta' allegazzjoni dwar il-ksur tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli, id-determinazzjoni dwar jekk hemmx dewmien irragonevoli fil-proceduri b'mod komplessiv, tincidi sostanzjalment fuq il-qies tad-dewmien fil-produzzjoni ta' xhud partikolari. Il-Qorti tqis li huwa inkoncepibbli li l-element tad-dewmien ghall-finijiet tal-jedd fondamentali in dizamina jigi spezzettat f'episodji individwali tal-process billi wiehed janalizza l-element tad-dewmien biss mill-ottika tal-produzzjoni tax-xhud in kwistjoni, *multo magis* meta din hija l-ahhar xhud li jonqos li tressaq il-prosekuzzjoni.
>
> 20. Ghandu jinghad ukoll li ghalkemm it-talba fir-referenza hija indirizzata limitatament lejn il-ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent minhabba d-dewmien fil-produzzjoni tal-ahhar xhud tal-prosekuzzjoni b'rizultat li l-proceduri ma jistghux jintemmu, huwa

inevitabbli li l-ksur lamentat, specifiku kemm hu specifiku, jista' jigi mistharreg b'mod siewi ghall-finijiet tat-twegiba li trid taghti l-qorti, biss jekk jigi meqjus ukoll l-isfond tal-proceduri kollha kompjuti s'issa jew talanqas sal-mument meta jitqanqal l-ilment relattiv. Wara kollox, "iz-zmien" ghall-fini li jigi stabbilit hemmx dewmien leziv ghad-dritt tas-smigh xieraq, jibda jghaddi f'kull kaz minn meta l-persuna jigi akkuzat b'reat kriminali jew, fit-termini iktar wiesa' tal-Konvenzjoni, meta l-persuna tigi arrestata jew investigata in konnessjoni ma' xi reat kriminali"

28. Fid-dawl tal-ġurisprudenza ċitata li din il-Qorti qed tadotta, sejra qabel xejn telenka s-seduti li saru sa issa u x'sar fihom sabiex hekk din il-Qorti tieħu kont tal-proċess sa issa fit-totalita' tiegħu u mhux biss l-episodju waħdu li fuqu l-Qorti Referenti għamlet referenza għalih:

| | |
|---|---|
| 17 ta' Novembru 2015 | Ġiet ippreżentata l-akkuża miġjuba fil-konfront ta' Patrick Pace |
| 11 ta' Diċembru 2015 | Xehdu PC 522 Philip Gauci, WPS 299 Roxanne Tabone, Lucrezio Borg |
| 15 ta' Diċembru 2015 | Xehdu Joseph Borg u Spettur Rennie Stivala |
| 20 ta' Jannar 2016 | Xehed Spettur Arthur Mercieca |
| 24 ta' Frar 2016 | Xehdu Stephen Cachia, PS 985 Stephen Pace, Alex Montebello u Clayton Fiteni |
| 30 ta' Marzu 2016 | Xehdu Anthony Busuttil, Carmel Attard, Dr. Duncan Borg Myatt, u Hein Chetcuti |
| 9 ta' Mejju 2016 | Prosekuzzjoni talbet differiment |
| 13 ta' Ġunju 2016 | Prosekuzzjoni talbet differiment stante li r-referti tax-xhieda li kienu |

| | |
|---|---|
| | mħarka ma ġewx lura u meta dawn ix-xhieda ġew imsejħa ħadd minnhom ma wieġeb |
| 15 ta' Lulju 2016 | Ma sar xejn għax l-imputat ħassu ħażin fil-Qorti |
| 22 t'Awwissu 2016 | Ma deher ħadd |
| 14 ta' Settembru 2016 | Xehdu Paul Scicluna u Julian Sciberras |
| 19 t'Ottubru 2016 | Xehdu Doris Serpina u Jesmond Baldacchino; fil-mori ġiet eżebita kopja awtentika tal-proces-verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella |
| 30 ta' Novembru 2016 | Xehdu Mauro Anastasi, Wayne Xuereb, PS 659 Jeffrey Hughes, PC 1262 Jonas Schembri, PC 650 Justin Tabone |
| 11 ta' Jannar 2017 | Imputat ma deherx |
| 22 ta' Frar 2017 | Xehdu Joseph Mallia, Mauro Anastasi, Wayne Xuereb u Michael Quattromani |
| 29 ta' Marzu 2017 | Xehed Joseph Mallia |
| 3 ta' Mejju 2017 | Differita mill-Qorti minħabba inkjesta urġenti ta' importanza nazzjonali |
| 12 ta' Ġunju 2017 | Differita mill-Qorti minħabba inkjesta urġenti u ta' importanza nazzjonali |
| 19 ta' Lulju 2017 | Ġie mħarrek Darren James Vella imma peress li kellu proċeduri fuq l-istess fatti huwa talab lill-Qorti biex |

| | |
|---|---|
| | jiġi meħlus milli jixhed f'dawn il-proċeduri |
| 23 t'Awwissu 2017 | Differita (mingħajr raġuni) |
| 25 ta' Settembru 2017 | Imputat ma deherx |
| 6 ta' Novembru 2017 | Xehed Carmelo Abela |
| 6 ta' Diċembru 2017 | Differiment fuq talba tal-prosekuzzjoni |
| 17 ta' Jannar 2018 | Differita fuq ordni tal-Qorti |
| 21 ta' Frar 2018 | Differita fuq ordni tal-Qorti |
| 4 t'April 2018 | Differita fuq ordni tal-Qorti |
| 14 ta' Mejju 2018 | Xehdu PS 659 Jeffrey Hughes, l-Ispettur Carlos Cordina, PS 90 Jeffrey Gerada |
| 14 ta' Ġunju 2018 | Differita fuq ordni tal-Qorti |
| 18 ta' Lulju 2018 | Differita fuq ordni tal-Qorti |
| 29 t'Awwissu 2018 | Differita fuq ordni tal-Qorti |
| 10 t'Ottubru 2018 | L-espert tekniku Joseph Mallia irtira l-esebit oriġinali u r-relazzjoni biex iwettaq l-inkarigu mogħti lilu |
| 12 ta' Novembru 2018 | Imputat ma deherx |
| 12 ta' Diċembru 2018 | Imputat baqa' ma nstabx |
| 16 ta' Jannar 2019 | Xehed Joseph Mallia |
| 27 ta' Frar 2019 | Xehed Alvin Cardona |
| 1 t'April 2019 | Differiment fuq talba tal-prosekuzzjoni |
| 29 t'April 2019 | Differita fuq ordni tal-Qorti |
| 29 ta' Mejju 2019 | Differita mingħajr raġuni fil-verbal |
| 10 ta' Lulju 2019 | Differita fuq rikors tal-prosekuzzjoni |
| 16 ta' Lulju 2019 | L-imputat ma deherx |
| 22 t'Awwissu 2019 | Ma deher ħadd |

| | |
|---|---|
| 26 ta' Settembru 2019 | Ma deher ħadd |
| 7 ta' Novembru 2019 | L-imputat ma deherx |
| 12 ta' Diċembru 2019 | L-imputat ma deherx (ġie ppreżentat ċertifika mediku mil-legali tiegħu) |
| 16 a' Jannar 2020 | Xehdu Carmelo Farrugia, John Azzopardi, Dr. Martin Bajada u kontro-eżami tal-istess Dr. Marin Bajada |
| 20 ta' Frar 2020 | Xehdu Alvin Cardona u Mario Abela |
| 26 ta' Marzu 2020 | Verbal mhux in atti |
| 2 ta' Lulju 2020 | Differita minħabba l-imxija tal-Covid |
| 5 t'Awwissu 2020 | Differita fuq talba tal-prosekuzzjoni |
| 14 ta' Settembru 2020 | L-imputat ma deherx |
| 22 t'Ottubru 2020 | Xehdet Eunice Grech Fiorini |
| 27 ta' Novembru 2020 | Xehdu Eunice Grech Fiorini u Mario Abela |
| 8 ta' Jannar 2021 | Xehdu Dr. Martin Bajada u Marthese Sammut |
| 19 ta' Frar 2021 | Differita |
| 26 ta' Marzu 2021 | Ma deher ħadd |
| 30 t'April 2021 | Imputat ma deherx (ċertifikat mediku ippreżentat) |
| 11 ta' Ġunju 2021 | Imputat ma deherx (esebit ċertifikat ta' kwarantina mandatorja) |
| 16 ta' Lulju 2021 | Deher l-imputat mhux assistit |
| 20 t'Awwissu 2021 | Ma deher ħadd |
| 24 ta' Settembru 2021 | Il-legali ta' Patrick Pace irrileva illi x-xhieda ta' Roderick Borg huwa inammissibbli; Spettur Stivala irrileva li l-Prosekuzzjoni sejra |

| | |
|---|---|
| | tinsisti għax-xhud stante li huwa xhud ewlieni, irrileva ukoll li l-kawża fil-konfront ta' Borg waslet fi stadju ta' għeluq provi difiża |
| 3 ta' Novembru 2021 | Il-Qorti ġiet informata li d-difiża ser tressaq rikors b'talba għal refernza kostituzzjonali |
| 10 ta' Novembru 2021 | Differita |
| 17 ta' Novembru 2021 | Ingħata d-digiret għat-talba għal referenza kostituzzjonali; differita sine die |

**Inżammu tnejn u sittin (62) seduta li minnhom sitta (6) ġew differiti fuq talba tal-prosekuzzjoni, ħdax (11) ġew differiti għax ma deherx l-imputat (4 minnhom għal raġunijiet ta' saħħa), tnax (12) ġew differiti fuq ordni tal-Qorti, u ħamsa (5) għaliex ma deher ħadd.**

**Ifisser li aktar minn nofs is-seduti ġew differiti għal raġuni jew oħra b'konsegwenza li fihom ma sar xejn, liema differimenti fil-maġġorparti tagħhom ma ġewx differiti għal raġunijiet jew linja ta' komportament attribwibbli lill-Prosekuzzjoni.**

29. Kif rajna iż-żmien raġonevoli jibda jiddekorri mill-mument li persuna ġiet informata li hemm akkuża kriminali kontra tagħha sal-mument li jkun hemm deċiżjoni finali. Il-ġurisprudenza l-aktar reċenti fir-rigward trid illi anke meta l-ilment kostituzzjonali jew ir-referenza kostituzzjonali tirreferi għal parti jew episodju biss mill-proċess ġudizzjarju, għandu jsir stħarriġ taċ-ċirkostanzi kollha tal-proċess tal-kumpilazzjoni sabiex issir evalwazzjoni tal-effett kumulattiv tad-dewmien ġenerali fil-proċeduri quddiem il-Qorti Referenti.

30. Minn analiżi tas-seduti fuq magħmula ġie osservat ħames snin wara li Patrick Pace ġie mressaq u akkużat quddiem il-Qorti, il-kumpilazzjoni tal-provi għadha fl-istadju tal-provi tal-Prosekuzzjoni.

31. Huwa aċċettat fil-ġurisprudenza illi hemm diversi ċirkostanzi li jagħmlu d-dewmien fi proċess ġudizzjarju wieħed "raġonevoli", bħal meta jkun hemm każ komplikat ħafna jew investigazzjoni kumplessa jew smiegħ ta' numru straordinarju ta' xhieda. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax li qabel saret ir-referenza kostizuzzjonali kienu tressqu quddiem il-Qorti Referenti diversi xhieda mill-prosekuzzjoni u sar ukoll kontro-eżami ta' wieħed mix-xhieda.

32. Fil-każ odjern l-Avukat Ġenerali tinsisti li l-kawża kontra Patrick Pace hija waħda kumplikata. Pero' almenu mill-atti li tressqu quddiem din il-Qorti ma ntweriex b'mod sodisfaċenti li d-dewmien sabiex jitressaq l-aħħar xhud hija kawża ta' din il-kumplessita'. Din il-Qorti fir-rigward tagħmel referenza għal dak li ingħad mill-Ispettur Stivala, li l-prosekuzzjoni kienet taf sew mill-bidu li bdew il-proċeduri kontra Pace li f'xi punt riedu jressqu lil Roderick Borg jixhed u dan peress li kien Borg li semma lil Pace fl-istqarrija tiegħu.

33. Fi kwalunkwe każ, kumplessi kemm huma kumplessi l-provi, din il-Qorti temmen, li l-ħtieġa li jixhed Borg ma ħarġitx mill-kumplessita ta' dawn il-provi u lanqas ma jista' jingħad li l-ħtieġa tax-xhieda ta' Borg inħasset dan l-aħħar. Anzi l-atti juru bil-kontra. In konklużżjoni dwar dan l-aspett il-Qorti tqis illi d-dewmien sabiex jiġi konkluż il-kumpilazzjoni tal-provi fil-każ kontra Patrick Pace ma hux marbut mal-kumplessita' tal-każ.

34. Il-prosekuzzjoni taf tajjeb li xhieda ta' ko-akkużati jew kompliċi hija inammissibbli sakemm ikun hemm proċeduri kriminali għadhom għaddejjien kontrihom.

35. Din il-Qorti tosserva li fil-fatt l-isem ta' Borg ġie imniżżel għall-ewwel darba fir-rinviju meta l-prosekuzzjoni kienet eżawriet il-provi kollha tagħha. Il-prosekuzjoni ssostni li x-xhieda ta' Roderick Borg hija kruċjali għall- każ kontra Patrick Pace. Dan jista' jkun minnu, pero' fl-istess ħin huwa daqstant ieħor minnu li l-leżjoni tad-dritt fundamentali ta' Patrick Pace għal smigħ tal-każ tiegħu fi żmien raġonevoli ma tisfumax fix-xejn minħabba l-importanza tax-xhud Borg. Aktar u aktar meta l-Avukat Ġenerali ma tat l-ebda indikazzjoni kemm ser idumu staġnati l-proċeduri kontra Pace minħabba li ma tridx tagħlaq il-provi tagħha qabel tkun f'posizzjoni f'data futura mhux magħrufa u mhux fil-qrib tkun tista' ġġiegħel lil Borg jixhed fil-proċeduri kontra Pace..

36. Il-Qorti tifhem u tapprezza d-diffikulta' li qed tirriskontra l-Avukat Ġenerali fir-rigward. L-insistenza tagħha sabiex jixhed Roderick Borg fil-każ kontra Patrick Pace la hi kapriċċuża u lanqas fiergha imma bbażata fuq il-konvinzjoni tagħha kif tirriżulta mill-atti illi fl-eventwalita' li Roderick Borg ma jilħaqx jixhed f'dawk il-proċeduri kontra Patrick Pace jista' jkun li l-każ ma jkunx b'saħħtu biżżejjed sabiex iwassal għall-kundanna. Dan jista' jkun kollu minnu.

37. Pero' huwa daqstant ieħor minnu illi l-kumpilazzjoni kontra Patrick Pace ma tistax tibqa' wieqfa indefinittivament bit-tama li xi darba jixhed Roderick Borg wara li f'xi żmien mhux magħruf ma jkunx hemm aktar proċeduri pendenti kontra Borg.

38. In tema legali ssir referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs. Angelo Zahra** [14] mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' Ġunju 2019 fejn ingħad li:

[14] Nru 35/2019 MCH

"... anke jekk hemm mertu fl-argument tal-Avukat Generali illi x-xhieda li l-Prosekuzzjoni riedet tipproduci kellhom dritt li ma jixhdux u li l-prosekuzzjoni ma tistghax tigi mistennija li tirrinunzja ghal xhud, li skont hi, huwa indispensabbli, huwa inacettabbli meta wiehed jikkunsidra z-zmien li ghaddha s'issa. L-Istat ghandu obbligu li jassikura illi l-gudikanti jaghmlu haqq mal-partijiet fiz-zmien ragonevoli u li ma jigux lesi d-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tal-istess partijiet.

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti huwa inaccettabbli fi stat ta' dritt illi aktar minn tmintax il-sena wara l-arrest tal-imputat, il-prosekuzzjoni ghada m'ghalqitx il-provi taghha ghaliex qed tistenna li tressaq ix-xhieda, indispensabbili kemm huma indispensabbili."

39. Fis-sentenza **Gordi Felice vs. Avukat Generali** mogħtija mill-**Qorti Kostituzzjonali** fis-27 ta' Novembru 2017 ingħad:

"47. Jigi ribadit illi din il-lezjoni hija in parti dovuta wkoll ghall-ghazla ossia agir tal-intimat li, meta ddecieda li l-kawza kontra r-rikorrent ma tigix appuntata u ma tigix determinata qabel l-ewwel tigi appuntata u determinata l-kawza kontra William Agius, tawwal ulterjorment il-proceduri kontra r-rikorrent li kienu diga` ilhom pendenti diversi snin quddiem il-Qorti Istruttorja. Din il-Qorti tapprezza li din id-decizjoni tal-intimat, oltre li fiha nnifisa hija legali u ma timpingix fuq il-garanziji tad-dritt ghal smigh xieraq, ittiehdet ghall-ahjar tmexxija tal-prosekuzzjoni u certament mhux "bl-intenzjoni li jtawwal il-proceduri ... inutilment" kif jallega r-rikorrent. Madanakollu, ma tistax ma tosservax illi agir li jirrispetta l-garanziji ta` smigh xieraq fit-termini tal-Artikolu 6 Konvenzjoni ma jibqax konformi mad-dettami ta` smigh xieraq jekk ikollu effett inoltrat li jwassal ghal dewmien mhux ragjonevoli fid-determinazzjoni tal-process gudizzjarju, aktar u aktar dak kriminali, a skapitu tal-akkuzat."

40. Is-sentenza **Il-Pulizija vs. Silvio Zammit** mogħtija mill-**Qorti Kostituzzjonali** fit-13 ta' Lulju, 2018 tirrigwarda fatti speċi simili għal dawk tal-każ odjern u l-konsiderazzjonijiet hemm magħmula huma perfettament applikabbli għall-każ odjern:

> "Din il-Qorti tosserva fir-rigward li hu evidenti li l-ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrent li l-ewwel Qorti giet mitluba tippronunzja ruhha dwaru, huwa dak naxxenti mid-dewmien fil-produzzjoni tal-ahhar xhud tal-prosekuzzjoni, Inge Delfosse, biex tixhed fil-proceduri kontra r-rikorrent. Izda kif fuq premess, sabiex dik il-Qorti waslet ghad-decizjoni taghha hija necessarjament u korrettament hadet in konsiderazzjoni liter processwali kollu sal-istadju li waslu fih il-proceduri kriminali, u waslet ghall-konkluzjoni gusta li dan in-nuqqas tal-prosekuzjoni qed iwassal ghall-lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent. Ghalhekk ghandu jkun manifest li jekk l-prosekuzzjoni tibqa' tonqos milli taghlaq mill-aktar fis il-provi taghha l-lezjoni tkompli tissokta, u allura kien id-dmir ta' dik il-Qorti li fid-decide taghha tissenjala li jekk dan jithalla jsir mill-Qorti tal-Magistrati l-lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent protett mill-artikoli precitati ser tissokta."

41. Fir-referenza kostituzzjonali hawn trattata l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat jinsistu illi Patrick Pace ma jistax jilmenta fuq dewmien meta d-dewmien qiegħed jiġi kkaġunat minnu u minn Roderick Borg meta pprovokaw kawżi kostituzzjonali separati. Il-Qorti ma taqbilx ma' din l-osservazzjoni u tagħmel referenza għal dak li ġie deċiż fil-każ **Calleja v. Malta** fis-7 ta' April 2005 fejn il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem qalet hekk:

> "*However, the Court recalls that Article 6 does not require accused persons actively to co-operate with the judicial authorities. Neither can*

*any reproach be levelled against them for making full use of the remedies available under domestic law*."

42. Din il-Qorti wara li eżaminat l-atti kollha relatati mar-referenza kostituzzjonali tasal għall-konklużżjoni illi bl-aġir tal-Prosekuzzjoni u tal-Avukat Ġenerali fil-kumpilazzjoni pendenti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Patrick Pace qiegħed jiġi leż id-dritt tal-akkużat Patrick Pace għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli, liema leżjoni ser tibqa' tippersisti sakemm il-prosekuzzjoni tagħlaq il-provi tagħha.

43. Tajjeb jiġi sottolineat illi meta ssir referenza kostituzzjonali minn Qorti oħra lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, il-funzjonijiet ta' din il-Qorti huma ċirkoskritti bit-termini tar-referenza mgħoddija lilha u l-istess Qorti hija marbuta li tillimita ruħha biss biex twieġeb għall-mistoqsijiet li jifformaw l-istess referenza kostituzzjonali.

44. Ta' rilevanza massima hija s-sentenza tal-**Qorti Kostituzzjonali** mogħtija fl-1 ta' Diċembru, 2021 fir-referenza kostituzzjonali **Il-Pulizija vs. Tarcisju Mifsud** (Ref 114/2018) minn appell tal-Avukat Ġenerali wara li l-Ewwel Qorti sabet ksur tal-jedd tal-akkużat fil-kumpilazzjoni pendenti għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli u imponiet terminu ta' erba' xhur sabiex il-prosekuzzjoni f'dawk il-proċeduri tagħlaq il-provi tagħha. Qalet hekk il-Qorti Kostituzzzjonali fir-rigward:

> "16. Il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi fl-istadju li tinsab fih il-kumpilazzjoni, dik il-Qorti m'għandhiex il-poter sabiex tagħlaq il-provi tal-prosekuzzjoni. Għalkemm l-Avukat Ġenerali fil-11 ta' Novembru, 2015 ħareġ l-artikoli u bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, s'issa ma seħħ l-ebda żvilupp. Dan peress li fl-istess att jingħad li qabel il-Qorti tistaqsi lill-imputat jekk għandux oġġezzjoni

li l-każ tiegħu jinstema’ bil-proċedura sommarja, għandha skont l-Art. 370(3)(f) tal-Kodiċi Kriminali tisma’ lil Alfred Mallia (minn dakinhar ix-xhud miet) u Tancred Tabone. Mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta wkoll li Tancred Tabone kien deher fis-seduta tas-7 ta’ Diċembru 2015 u għażel li ma jixhedx sabiex ma jinkriminax lilu nnifsu. Kliem li rrepeta fis-seduta tal-5 ta’ Diċembru 2016. L-istess iddikjara Frank Sammut fis-seduta tas-26 ta’ Ġunju 2017.

Fil-prattika għalhekk, jekk din il-Qorti tirrinvija l-atti lill-Qorti referenti b’sempliċi dikjarazzjoni ta’ ksur u ma jkun hemm l-ebda ordni oħra, kif fir-realta` qiegħda titlob li jsir mill-Avukat Ġenerali, dan ikun ifisser:

17.1. Illi r-referenza kostituzzjonali li ilha pendenti tliet snin, u li matulhom il-Qorti riferenti għażlet li tissoprassjedi, mhux ser tindirizza l-ksur b’mod effettiv; u

17.2. Illi sabiex l-appellat jottjeni xi forma ta’ rimedju xieraq għall-ksur sejjer ifisser iktar dewmien bla bżonn għaliex ikollu jipproponu proċeduri oħra sabiex jingħata rimedju effettiv. Dan meta diġa` hemm ġudikat li f’dan il-każ hemm dewmien żejjed fis-smigħ tal-proċeduri;

18. M’għandux ikun li referenza kostituzzjonali tissarraf biss f’eżerċizzju purament akkademiku. Lanqas ma huwa fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja li minħabba raġunijiet purament proċedurali, imputat li diġa` qiegħed isofri leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq jispiċċa jkollu jagħmel proċeduri oħra sabiex jingħata rimedju effettiv għall-ksur tad-drittijiet tiegħu.

19. Għalhekk, f'dan il-każ il-Qorti tqis li hu essenzjali li tingħata ordni li l-ewwel Qorti tista' ssegwi. Wara kollox il-liġi stess tipprovdi li l-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni "għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni", ċioe` d-deċiżjoni li tingħata fir-referenza."

45. F'sitwazzjonijiet bħal dawk in eżami huwa indikat li l-Qorti tevalwa l-drittijiet tal-partijiet kollha involuti u mhux biss ta' min ikun talab ir-referenza kostituzzjonali. Id-dover/jedd tal-Prosekuzzjoni f'soċjeta' demokratika li tħaddan is-saltna tad-dritt li f'isem l-Istat Malti tressaq il-provi kollha tagħha in sostenn tal-akkużi minnha miġjuba kontra akkużat m'għandux ħajja awtonoma iżda jrid dejjem jitħaddem b'rispett lejn il-jedd fundamentali tal-akkużat għal smigħ tal-każ tiegħu fi żmien raġonevoli.

46. Fi kliem il-Qorti Kostituzzjonali, l-Avukat Ġenerali ma tistax tippretendi illi għandha xi jedd li l-każ kontra Patrick Pace jibqa' pendenti għal żmien indefinit sakemm xi darba tiġi deċiża b'mod definittiv il-kawża kontra l-aħħar xhud tal-Prosekuzzjoni.

47. Jekk ix-xhieda ta' Roderick Borg hija daqstant importanti għal każ kontra Patrick Pace, allura kien l-oneru tal-istess Prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali li jagħmlu dak kollu possibbli sabiex il-proċeduri penali kontra Roderick Borg jiġu fi tmiemhom fl-aqsar żmien possibbli.

**48.** Din il-Qorti tabbraċja l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fuq ċitat u għalhekk sejra mhux biss tiddikjara li qed isseħħ leżjoni tad-dritt fundamentali tal-akkużat imma sejra wkoll tagħti ordni sabiex l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni jiġi fi tmiemu fi żmien erba' xhur millum.

**Decide.**

**Twieġeb** għall-kwestjoni riferita lilha b'digriet tas-17 ta' Novembru 2021 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-proċeduri *il-Pulizija vs Patrick Pace* billi:

1. **Tiddikjara** li bl-aġir fuq deskritt tal-Prosekuzzjoni u tal-Avukat Ġenerali fil-proċeduri *il-Pulizija vs Patrick Pace* qiegħed jiġi leż id-dritt fundamentali ta' Patrick Pace għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli protett bl-**Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u bl-**Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem** liema leżjoni ta' dritt fundamentali sejra tibqa' tippersisti jekk il-Prosekuzzjoni ma tagħlaqx il-provi tagħha;

2. **Tipprefiġġi** terminu ta' **erba' xhur millum** sabiex il-Prosekuzzjoni tagħlaq il-provi tagħha quddiem il-Qorti Referenti fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet *il-Pulizija vs Patrick Pace;*

3. **Tordna** li dan il-provvediment flimkien mal-atti jiġu rimessi lill-Qorti Referenti sabiex tkompli tisma' l-kumpilazzjoni skont kif provdut f'din ir-referenza.

Spejjeż a karigu tal-Avukat Ġenerali

**Robert G. Mangion**
**Imħallef**
31 ta' Jannar, 2023

**Lydia Ellul**

**Deputat Registratur**